MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1349/2002/1

***SMS Insurance Agency Ltd bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurattrici taghha Marie Cassar Demajo***

***Vs***

***Publio Bajjada***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm255.64c) rappresentanti danni kkagunati f'incident stradali li sehh f'San Giljan nhar it-12 ta' Dicembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni AAF 385 habat mal-vettura DAO 573 misjuqa minn Marie Cassar Demajo, ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ April 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma’ l-avviz a tenur ta’ l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta’ Gunju 2002 fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici qed tigi kkontestata billi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh b’tort ta’ Marie Cassar Demajo.

Ra d-dokumenti esibiti mis-socjeta’ attrici permezz ta’ nota pprezentata fl-10 ta’ Gunju 2000 fejn gie esibit kopja tar-rapport tal-pulizija rigward l-incident tat-traffiku mertu tal-kawza kif ukoll kopji tal-fatturi rigward hlasijiet ghat-tiswija tal-vettura assikurata mas-socjeta’ attrici nomine, liema dokumenti jinsabu a fol.7 sa fol.19 ta’ l-atti processwali.

Sema' x-xhieda ta’ Marie Cassar Demajo, W.P.C.185, Vanessa Borg u tal-konvenut Publio Bajjada.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi d-dinamika ta’ l-incident, li kien tat-tip “*hit and run*”, sehh meta l-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet tiela’ t-telgha ta’ *B’Kara Hill* gewwa San Giljan, filwaqt illi l-vettura misjuqa mill-assikurata tas-socjeta’ attrici kienet niezla fid-direzzjoni l-opposta u l-vetturi hakkew ma’ xulxin.

Illi l-kuntistabbli tal-Pulizija, WPC 185, Vanessa Borg xehdet illi hija ma marritx fuq il-post ta’ l-incident u dana ghaliex il-vetturi baqghu sejrin wara li sehhet il-kollizzjoni. Fil-fatt kienet Marie Cassar Demajo li marret l-ghassa taghmel ir-rapport u sabiex il-kuntistabbli irrintraccat il-

vettura tal-konvenut hija kellha ticcekkja madwar 37 vettura ohra ghaliex is-sinjura Cassar Demajo ma kienitx hadet in-numru tal-vettura li maghha kienet sehhet il-kollizzjoni. Jidher illi ghalhekk l-istess kuntisabbli nizzlet fir-*road accident report* il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa meta hija kellmet lit-tnejn li huma wara l-incident.

Hija kienet ukoll ivverifikat il-hsarat li kien hemm fil-vetturi, ghalkemm tghid illi meta l-konvenut kien gie irrintraccjat xi jiem wara u kienet baghtet ghalih biex tkellmu gewwa l-ghassa tal-pulizija, huwa kien diga sewwa parti mill-hsara li huwa kellu fil-vettura tieghu u cioe' l-bumper. Tghid inoltre illi meta mistoqsi r-raguni 'il ghala huwa ma kienx irrapporta l-incident, il-konvenut kien qalilha illi peress illi huwa ra li ma kellux hafna hsara, allura ma kienx hass li kien hemm dan il-bzonn.

Mir-rapport jirrizulta illi l-hsarat fil-vettura ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici kienu jikkonsistu f'barxa fuq in-naha tal-lemin mal-bieba ta' wara u l-*mudguard*, filwaqt illi dawk fil-vettura tal-konvenut kienu jinstabu fuq quddiem in-naha tal-lemin ukoll mal-*mudguard* u l-*bumper*.

Illi l-assikurata tas-socjeta' attrici tat il-verzjoni taghha tal-incident mertu tal-kawza u qalet illi filwaqt illi hija sid tal-vettura DAO 573, assikurata *comprehensive* mas-socjeta' attrici. Tghid illi fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2000, hija kienet niezla B'Kara Hill gewwa San Giljan u meta waslet vicin l-*Independence Press*, hija rat vettura ta' lewn dehbieni tielgha fid-direzzjoni taghha b'velocita qawwija. Tghid illi fil-parti fejn sehh l-incident hemm liwja zghira u meta hija wasslet f'din il-liwja, is-sewwieq ta' din il-vettura habat fiha fuq in-naha ta' wara tal-vettura taghha. Dan is-sewwieq ma waqqafx u baqa sejjer.

Is-sinjura Cassar Demajo tghid illi hija waqqfet immedjatament u nizzlet mill-vettura taghha. Rat il-vettura li kienet ghada kemm habtet fiha wieqfa xi hamsin metru 'il boghod minnha. Is-sewwieq ma harigx mill-vettura, startja u saq. Tghid illi ghalkemm hija ippruvat issegwieh

bil-vettura taghha, ma irnexxilhiex tilhqu ghaliex kien lahaq sparixxa. Fuq parir ta’ l-assikurazzjoni taghha hija marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija, izda tghid illi l-uniku informazzjoni li setghet taghti kienet biss dwar l-ghamla tal-vettura u l-kulur taghha ghaliex peress illi meta s-sewwieq tal-vettura l-ohra waqqaf, kien ipparkjat wiccu ‘il fuq u ghalhekk la rat il-hsarat fil-vettura tieghu, lanqas setghet tiehu n-numru u wisq anqas setghet tara lis-sewwieq. In kontro-ezami, x-xhud cahdet illi hija kienet qieghdha taghmel xi manuvra ta’ sorpass u li kienet invadiet il-karreggjata l-ohra ghaliex ma kienx hemm vetturi pparkeggjati fuq in-naha taghha talli illi l-karreggjata taghha kienet djieqet. Hija tikkontendi illi kien il-konvenut li kien tielgha bi speed qawwi u invada l-karreggjata taghha.

Hija tikkonferma illi l-hsarat kollha fil-vettura taghha thallsu mill-assikurazzjoni taghha peress illi l-assikurazzjoni taghha kienet tat-tip “*comprehensive*”, izda minhabba f’dan hija tilfet in-“*no claim bonus*” li kellha.

Illi l-konvenut Publio Bajjada ikkonferma illi dak in-nhar ta’ l-incident huwa kien qieghed isuq vettura ta’ l-ghamla Mini Metro bin-numru ta’ registrazzjoni AAF 385 u kien tielgha *B’Kara Hill* gewwa San Giljan. Hekk kif kien tiela kien hemm vettura ohra niezla mid-direzzjoni l-opposta u kif il-vetturi gew vicin xulxin, hakkew ma’ xulxin. Jikkonferma illi huwa laqat din il-vettura bin-naha ta’ quddiem fuq in-naha tal-lemin, filwaqt illi l-vettura l-ohra ntlaqtghet fil-genb. Huwa ighid illi mad-daqqa sema’ hoss, izda peress illi t-triq kienet dejqa tant illi ma kenitx tippermettilu jieqaf, huwa saq id-distanza ta’ zewg karozzi u waqqaf, filwaqt illi l-vettura l-ohra misjuqa minn Cassar Demajo baqghet niezla tul ta’ erba’ karozzi. Meta nizel mill-vettura biex jara xi hsara kien hemm, ra l-genb tal-bumper tieghu mtajjar. Dan kien inqala’ u waqa ma’ l-art. Meta nizel, ighid illi ra lis-sinjura ddur dawra mejt mal-vettura taghha, sussegwentement dahhlet gol-vettura u saqet. Ighid illi ghalhekk meta ra illi din kienet saqet, huwa dahal fil-vettura u saq. Ighid illi huwa ma marx jaghmel ir-rapport l-ghassa ghaliex basar illi ma kienx hemm hsarat u inoltre peress illi qatt ma kien involut f’incident stradali, allura ma

kienx jaf x'kellu jaghmel. Dak in-nhar stess huwa kien biddel il-parti tal-bumper li kienet waqghetlu. Wara jumejn kienu cemplulu mill-ghassa tal-pulizija u huwa mar ikellimhom immedjatament. Huwa sar jaf min kienet is-sewwieqa tal-vettura l-ohra u l-hsarat li garrbet wara l-incident, meta mar l-ghassa tal-pulizija. Ghalhekk jikkontendi illi ma jafx x'kienu il-hsarat tal-vettura l-ohra ammontanti ghal dak mitlub fl-avviz. Ikompli jghid illi meta huwa sema' l-hoss tal-habta, l-vettura l-ohra kienet diga qabbzet il-vettura tieghu.

Il-konvenut ighid illi t-triq fejn sehh l-incident ma hijiex wiesa u fuq in-naha fejn kien qieghed isuq hu, kienu qed isiru xi xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' bini. Fejn kien qieghed isir dan ix-xoghol kien hemm il-gebel mat-triq. Bankina ma kienx hemm, izda kien hemm dan il-gebel fit-triq. Ighid illi minhabba f'din ir-raguni huwa bil-fors kellu jisporgi ftit il' barra biex huwa jkun jista' jghaddi mal-gebel. Meta huwa hareg ftit 'il barra biex jiskapula l-gebel, sab il-vettura gejja mid-direzzjoni l-opposta fuqu. Ighid illi fil-post fejn sehh l-incident hemm liwja zghira. Jichad illi meta huwa sporga 'il barra biex jaqbez il-gebel, invada l-karreggjata l-opposta. Ighid illi l-art kienet imharrbta tul ta' zewg karozzi minhabba f'dan il-gebel u kien hemm ukoll magna li tisserra l-gebel gewwa t-triq u cioe' barra l-post fejn kien qieghed isir ix-xoghol ta' kostruzzjoni. Huwa ighid illi setghu jghaddu zewg karozzi b'xi mod fit-triq, ghalkemm kien hemm dawn il-gebel qeghdin jostakolaw. Vetturi ohra fit-triq fil-mument li sehh l-incident ma kienx hemm.

Ikkunsidra:

Illi mill-atti processwali hareg car illi l-kollizzjoni sehhet meta l-vettura misjuqa mill-konvenut, li kien tielgha B'Kara Hill, f'parti fejn hemm liwja zghira, sporgiet 'il barra biex b'hekk tiskapula xi gebel li kienu jinstabu fit-triq f'dak il-mument u xi ingenji ohra wzati fix-xoghol ta' kostruzzjoni tal-bini. Minhabba f'din il-manuvra, allura bil-fors illi l-konvenut, xi ftit jew wisq kellu jinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. F'dak il-mument kienet niezla l-vettura misjuqa minn Marie Cassar

Demajo, l-assikurata tas-socjeta’ attrici u sehhet il-kollizzjoni.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi l-vettura ta’ l-assikurata tas-socjeta’ attrici kienet u baqghet dejjem fuq il-karreggjata taghha. Kien hemm zewg fatturi importanti fil-fattispecie tat-triq f’dak il-mument – liwja zghira li x’aktarx setghet ostakolat il-vizwali tas-sewwieq u ostakolu iehor mal-genb tat-triq fil-karreggjata tal-konvenut konsistenti f’gebel u ingenji ohra wzati ghal xoghol ta’ kostruzzjoni ta’ gebel, tant illi t-triq djieqet xi ftit li ma setghetx tippermetti zewg vetturi jghaddu komdi hdejn xulxin.

Illi hemm certu kunflitt bejn ix-xhieda moghtija mill-konvenut u l-verzjoni tal-fatti kif sehh l-incident moghti lill-pulizija. Illi fir-rapport tal-pulizija, l-konvenut ighid illi l-vettura ta’ Cassar Demajo *“swerved towards me and hit the right front side of my vehicle.”* Ukoll huwa jghid lill-pulizija illi meta nizel mill-vettura huwa ma rax il-vettura l-ohra, meta mbghad fix-xhieda moghtija quddiem it-Tribunal, huwa jghid illi fil-fatt meta nizel mill-vettura tieghu huwa ra lil Cassar Demajo u din dahlet fil-karozza taghha u saqet. Ukoll fix-xhieda tieghu, l-konvenut ma semmiex illi l-vettura l-ohra swervjat ghal go fih, izda jghid illi huwa ma rahiex gejja u hekk kif sporga ftit ‘il barra sab din il-vettura mieghu u dahhlet fih. Illi ghalhekk lanqas ma jista jitwemmen l-konvenut, meta ighid illi huwa ma nvada l-karreggjata tal-konvenuta bl-ebda mod ghaliex gialadarba huwa sporga ‘il barra fi triq li ma kenitx wiesgha u li fiha jistghu jghaddu biss zewg vetturi, bil-fors illi xi ftit jew wisq huwa kellu jidhol fil-karreggjata tas-sewwieqa gejjin mid-direzzjoni l-opposta biex ikun jista jghaddi.

Illi anke l-hsarat kif rapportati jimmilitaw kontra l-konvenut u dana peress illi l-hsarat fil-vettura tal-assikurata tas-socjeta’ attrici kienu fuq in-naha ta’ wara mal-genb filwaqt illi l-hsarat tal-konvenut jinstabu fuq quddiem fil-ponta li juru illi l-vettura tieghu kienet angolata ‘il barra. Inoltre dan jindika ukoll illi l-vettura ta’ Cassar Demajo kienet diga

qabbzet sew il-vettura tal-konvenut meta dan ta’ l-ahhar baqa diehel fiha.

Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut minflok waqqaf u esplora t-triq biex jara hux gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta qabel ma sporga ‘il barra mill-gebel u l-ingenji li kien hemm fit-triq fuq in-naha tieghu, baqa isuq bl-istess speed li kien ghaddej u minghajr ma ghamel l-ebda indikazzjoni tal-manuvra li kien ser jaghmel qabad u hareg ‘il barra biex b’hekk invada l-karreggjata tal-vettura l-ohra li kienet gejja mid-direzzjoni l-opposta u li kienet diga wasslet tant qrib tieghu li sahansitra lahhqet qabbzitu sew meta sehhet il-kollizzjoni.

Illi ghalhekk minhabba l-fattispecje tat-triq, kien jinkombi fuq il-konvenut illi jzomm *“a proper lookout”* u r-responsabbilta’ kienet tinkombi fuqu illi jara illi qabel ma johrog ‘il barra mill-karreggjata tieghu jara illi huwa ma kienx sejjer jostakola traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Huwa stess jammetti fix-xhieda tieghu illi t-triq kienet djieqet minhabba l-ingenji u l-gebel meta ighid *“Mistoqsi jekk fil-fatt setghux ighaddu zewg karozzi fit-triq minhabba dan il-gebel li kien hemm li qed insemmi, jien nghid li setghu jghaddu **b’xi mod.***

Illi infatti f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet *Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et (Vol.XLVI.i.112)*, l-Onorabbli Qorti ta’l-Appell kellha l-okkazzjoni tghid: *“tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta’ incidenti ta’ traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta’ vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta’ kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhalma huma l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta’ l-art u rapporti ohra kontingenti; u (b) hu anke dmir tas-sewwieq li jzomm dik li komunement tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli ….”*

Illi dak li gara wara li sehhet il-kollizzjoni ftit li xejn jista’ jkollu pis fuq ir-responsabbilta ghall-incident mertu tal-

kawza, izda ghandu jinghad illi kien nuqqas da parti tal-konvenut illi ma rrapportax l-incident lill-pulizija ghaliex dehrlu illi huwa ma kellux hsarat. Dana l-fatt ghalhekk kif ukoll il-fatt illi huwa sewwa l-hsara li kellu mmedjatament ukoll jimmilitaw kontra tieghu.

Illi fir-rigward tal-quantum tad-danni, ma jirriuzlta bl-ebda mod mill-atti processwali illi qed issir kontestazzjoni f'dan ir-rigward. Illi l-vettura proprjeta ta' Marie Cassar Demajo kienet koperta *"comprehensive"* mas-socjeta' attrici nomine li hallset ghal hsarat kollha li garrbet din il-vettura u dana kif jirrizulta mill-prospett u d-dokumenti esibiti a fol.7 sa 12 ta' l-atti processwali. Illi finalment ghalkemm ma ngiebet l-ebda prova dwar is-surroga mill-assikurata favur is-socjeta' attrici nomine, din lanqas ma tirrizulta illi qed tigi kkontestata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-12 ta' Dicembru 2000 bejn il-vettura misjuqa minn Marie Cassar Demajo u l-vettura misjuqa mill-konvenut u kwindi jghaddi biex filwaqt illi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin liri Maltin u erba u sittin centezmu (Lm255.64c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' April 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**